# IL-POETA NAZZJONALI*

Ta' DUN KARM SANT

B'GHAFSA ta' qalb kont ħadt l-aħbar kiefra li Dun Karm kien ħalliena nhar it-13 ta' Ottobru, 1961. Jien kont f'art barranija li Dun Karm kien ħabb bla ma nesa lill-gzira ċkejkna tagħna. Ma stajtx fi kliem il-poeta:

> mingħajr ma rrid, bħala tislima,
> quddiemek, għarkobtejja fl-art Maltija,
> ninżel ma' ħuti b'qalb imriegħda.
> U nbusħom kemm-il bewsa bl-akbar qima
> lil dawk l-idejn li ħolqu tant sbuħija
> idejn ta' saċerdot u ta' Poeta.
>
> (*Pisani*)

Għax Dun Karm kien wild il-kotra bħali, Saċerdot bħali, Malti bħali. Ma nneħħi qatt minn moħħi ix-xbiha tiegħu li, mal-medda sħiħa ta' tletin sena w iktar, intisġet ħaġa waħda miegħi. Ħabbejtu tfajjel, ħabbejtu fiż-żgħożija tiegħi u għadni nħobbu f'irġuliti għax fih rajt il-mudell ta' Malti u Saċerdot, b'qalb l-imħabba tħeġġeġ, tfernaq u tfawwar għal artu, u b'kull ma fiha.

Għalhekk illum inħossni kburi li f'isem is-soċjeta Christus Rex tal-Kleru Malti li ħaddnitu fi ħdanha u qimitu f'ħajtu, insellem lil din il-Ġawhra tal-Kleru Malti, inġib quddiemkom il-ħidma tiegħu għal-Lsien Malti, il-wirt letterarju li ħallielna, u l-messaġġ tiegħu lin-Nazzjoni Maltija meta fl-aħħar se nkunu ġens għalina, il-ħolma kbira li dawlet il-moħħ u xegħlet il-qalb tal-mexxejja tal-moviment tal-Malti. Fuq dawn il-ħsebijiet se nieqfu llum; mhux għax Dun Karm ma ħadimx u ma swiex f'oqsma oħra; iżda kulħadd jaf li ismu hu marbut ħaġa waħda mal-Lsien Malti u mal-ġieħ tal-Gżira għażiża tagħna, l-Omm ħanina li tatna isimha.

Kienu l-aħħar snin tal-ħakma tal-Kavallieri meta l-isem ħelu tal-ħelsien beda jidwi fil-widna ta' x'uħud mill-Maltin li kienu daqu l-benna tiegħu f'artijiet ikbar minna. Fost dawn insibu l-isem ta' Vassalli, il-missier tal-moviment tal-Malti. Meta dan il-bniedem, li kien magħruf fi żmienu għal għerfu u l-personalita' tiegħu, daħħal f'rasu li jgħarbel il-Malti li jikteb bih, ma kienx imqanqal min xi interess akkademiku antikwarju

* Diskors li sar meta nkixef il-Bust fit-8 ta' Settembru, 1964.

iżda minn ħerqa kbira biex igħallem lil ulied il-poplu, itihom kuxjenza qawwija tagħhom infushom, u b'hekk ikunu jistgħu jitgħallmu, isemmgħu leħinhom sakemm jaslu biex jieħdu sehem fit-tmexxija ta' pajjiżhom. Vassalli fi kliem ieħor kien jara fil-Malti għodda għażiża u qawwija għall-emancipazjoni tal-kotra li sa dak iż-żmien ma kellha l-ebda leħen fil-ħajja nazzjonali. Il moviment tal-Malti kellu jwassal għal rivoluzjoni kulturali, soċjali, ċivili, pulitka u reliġjuża. Mhux ta' b'xejn li l-ħakkiema ta' dak iż-żmien twerwru u bewġuh 'il barra.

Iżda l-ideat ma jintrebħux bil-forża; meta idea tinżera', jekk tkun ġenwina u ħajja u ssib art għammiela, illum jew għada tinbet u tagħti l-frott. Il-ħidma u l-ideal ta' Vassalli xenxlu l-għeruq u taw frotthom f'waqthom. Aħna naraw fis-seklu li għadda sensiela ta' nies li tħabtu biex jagħtu lill-poplu kitba bil-Malti b'għan waħdieni: li jgħallmu lill-poplu ż-żgħir; bl-ebda mod ieħor ma setgħu jgħallmuh. Mhux il-waqt insemmuhom wieħed wieħed; min qiegħed ġebla, min qiegħed oħra, sakemm bil-qajla l-qajla l-ilsien Malti beda jiġi f'tiegħu, il-preġudizzji bdew jonqsu, u, bla nistgħu ngħidu li għebu għal kollox, tilfu l-qawwa tagħhom.

Kien fl-1912 meta Dun Karm kien mistieden minn Guże Muscat Azzopardi biex jibda jikteb bil-Malti għall-*Habib*. U Dun Karm laqa' l-istedina u medd idejh għax-xogħol f'qasam ġdid tal-Kitba għall-ġid ta' ħutu l-Maltin. Habrek u ħadem ħalli lil dan l-ilsien itih il-bixra letterarja li kien jistħoqqlu; minn ilsien iebes u żorr Dun Karm għamel għodda ta' espressjoni ta' ħsebijiet għolja u kbar; bis-saħħa tiegħu ħafna ma baqgħux jistħu minn ilsien art twelidhom. Hadem fuq l-iskrivanija f'kamartu; ħadem fil-għaqda tal-*Kittieba tal-Malti*, ħadem biex għal ħafna snin jistampa u jmexxi r-rivista: *Il-Malti*. Mhux biss ħadem, imma sofra, u sab ruħu vittma tal-kalunja u l-gidba. Imma Dun Karm baqa' miexi 'l quddiem biex il-Malti jieħu l-post li jixraqlu u jistħoqqlu.

> Għaliex immela tiċħad Malti hija,
> lil dan l-ilsien li bih int Malti sewwa?
> ħobb jekk jiswewlek, l-ilsna barranija,
> iżda le tbarri lil min hu ta' ġewwa.

U r-rebħa seħħet: il-Malti llum jinsab kullimkien: fil-parlament — kemm imxejna 'il quddiem minn dik it-talba taħt l-ilsien tar-rapprezentanti tal-kotra fl-ewwel Assemblea Nazzjonali biex ikunu jistgħu jitkellmu bil-Malti fil-Parlamenti fil-qrati, fl-amministrazzjoni, fit tagħlim tal-poplu — xhieda l-istampa ta' kuljum, l-espressjoni letterarja, u ftit jiem oħra fuq l-artali tagħna wkoll. U biex din ir-rebħa tkun issiġillata bir-rieda tal-poplu Malti dan l-Ilsien sab postu wkoll fil-Kostituzjoni ta' Malta Indi-

pendenti. Kemm fehem dan kollu Dun Karm meta kiteb: "mela bħala għelma ta' rabta u għażla nazjonali, fil-Memorandum li Vassalli bagħat lil Hompesch semma fost drittijiet oħra, il-jedd ta' l-ilsien Malti: kelma li għax f'waqqitha u qawwija, beżżgħet, u fil-biża' nisslet għal min qalha għadab, xili, ħabs, ħrib, u turufunament."

Ir-rebħa tal-Malti tfisser l-emanċipazjoni tal-kotra; tfisser li l-poplu iż-żgħir ħareġ mill-fisqija tat-tfulija għaż-żgħożija u daħal f'irġulitu biex jieħu s-sehem li ħaqqu fil-ħajja Nazzjonali. Issa li wasalna biex nieħdu rajna f'idejna għal kollox, għandna f'idejna għodda ta' espressjoni Nazzjonali, ta' edukazjoni popolari, avanż soċjali, ħajja reliġjuża ħierġa mill-qalb. Għandna meżż li jorbotna flimkien, jagħżilna minn ġnus oħra, bla ma jaqtagħna mid-dinja ta' madwarna.

L-Ilsien Malti u d-demokrazija Maltija twieldu flimkien u flimkien laħqu l-quċċata ta' irġulithom.

Ħadem Dun Karm biex il-Malti sab postu; iżda ħadem ukoll biex itina patrimonju letterarju li ma jmut qatt: il-għana kotran li ħallielna. Għana li għad irid isawwar, kif diġa ilu jagħmel għal ħafna snin, il-qalb u l-moħħ taż-żgħażagħ tagħna f'dak kollu li hu sabiħ, kbir u għani fit-tradizjoni tagħna, tradizjoni Nisranija, Ewropea, Maltija. Il-poeżija ta' Dun Karm ħierġa tabilħaqq mill-qalb; fiha xi ħaġa kollha tagħha, kif igħid hu stess:

Diwi ta' l-għanja tal ħolqien il-għanja
tal-poeta, minn jeddu ma jgħannix dan l-imsaħħar.
Kif idoqq arpa meta swaba imħarġa
jiġru bis-sengħa fuq il-ħjut annuna
hekk il-poeta jgħanni
meta tmissu l-id t'Alla:
Ħabbar tas-sewwa, mera tas-sbuħija,
kelmtu mis-sema, u min fis-sema tnissel
la jixjieħ u la jmut.
Il-poeta jintemm u l-għanja tibqa'.

U tibqa' din l-għanja ta' Dun Karm sakemm jibqa' Malti wieħed biss ilissen dan l-ilsien li intiseġ ma' l-għeruq ta' drieghna, ġera fil-vini ta' demmna, u twaħħad ma' għadamna. U tibqu din l-għanja tkebbsilna imħabbitna għal din l-art imbierka.

Tibqa' din l-għanja ssaħħaħna f'Emmna, u tixgħelna b'imħabbet Dak li jsejħilna uliedu u aħna lilu Missierna. Tibqa' din l-għanja ttenni: Sliema, Sliema:

Sawwart hekk il-għanja
Maltija,

u bl-oħla kelma li għallmitni ommi
libbistha, u bħala tfajla rżina
li bdiet taf ix-xbubija
tlaqtha mat-triq ittenni: Sliema: Sliema.

Ftit jiem oħra u Malta jkollha rajha f'idejha. In-Nazzjonalismu ġenwin ta' Malta se jilħaq il-quċċata tiegħu, Jien naħseb li kieku Dun Karm għadu magħna kien itir bil-ferħ u kienet toħroġ l-għanja minn qalbu lil din Malta li kien tant iħobb; kienet toħroġ kelma ta' mħabba għal kullhadd, stedina ta' l-għaqda, u kelma ta' kuraġġ għal quddiem.

Habbha Dun Karm lil Malta. Għadni niftakar sewwa meta hawn quddiem din il-Biblijoteka fil-pjazza kollha herba fl-1942 qrali l-isbaħ sunett li qatt inkiteb f'ġieħ din il-gżira maħbuba tagħna. Bħal daqqiet tal-martell f'idejn is-sengħa bdew jidru s-sillabi madwarna:

U Jien poeta, oh kemm għannaqtek miegħi:
Kemm bews qiegħedtlek fuq ħaddejk ħelwin!
Kemm ħaddimt ħsiebi u qalbi u dgħif ta' driegħi
Biex ma narakx f'idejn il-barranin!
Issa l-libsa, jaħasra m'għadhiex sħiħa:
Għadu bla qalb li ma rebħikx bil-ħarta
Infexx fil-libsa u ċarrathielek sewwa.
Imma jien ma rajtek qatt bħallum sabiħa.
O Malta tiegħi, għax mil-libsa mċarrta
Stajt nara 'l-sidrek u l-għeruq ta' ġewwa.

Kien l-1921 meta nhar l-għotja ta' l-ewwel kostituzjoni awtonoma li Dun Karm lill-Maltin ta' dak iż-żmien għannielhom.

Ma tħosshiex ġewwa sidrek il-mewġa
Ta' demm ġdid li f'saħħitha ssaffik?
Ma tħosshiex tilgħab f'wiċċek il-fewġa
Tal-ħelsien li ħajja oħra tagħtik?
Kisser l-għodda tal-għira ġellieda
Iftaħ qalbek għall-kelma tas-sliem:
Għalenija, m'hemmx ifrem mir-rieda,
Iżda mqassma, tintilef fil-kliem.

Din l-istedina għall-għaqda bejnietna, għall-fedeltà lejn it-tradizzjonijiet Maltin imfissra fl-ilwien abjad u aħmar fil-bandiera tagħna Dun Karm itennihom fl-Innu Malti, illum ikkonsagrat fil-Kostituzzjoni ta' Malta ħielsa. F'dan l-Innu il-Poeta Nazzjonali ifakkar lil-Alla li Żejjinha bl-oħla dawl,

id-dawl tal-vanġelu, u jibqa' sejjer:

Agħti kbir Alla id-dehen lil min jaħkimha,
Rodd il-ħniena lis-sid, saħħa lill-ħaddiem
Seddaq il-għaqda fil-Maltin u s-sliem.

Ħamsa huma s-sisien li fuqhom għandha tinbena s-soċjeta Maltija: id-dehen u l-għerf, u l-għaqal ta' dawk li għad iridu jaħkmuha u jmexxuha għall-prosperita' f'din l-art u fl-oħra fil-bzulija, li għaliha l-Maltin dejjem kienu msemmija, u fl-aħħar l-għaqda bejn l-Maltin kollha għax din biss tista' ġġib is-sliem u 'l-paċi.

Sliem u paċi! Kemm iddoqq ħelu din il-kelma! Hawn quddiem dan il-bronz naħilfu li nagħmlu minn kollox biex din il-paċi bejnietna terġa ssaltan għal-dejjem fostna. Hekk biss nistgħu nimxu 'l-quddiem u nkunu ta' ezempju għal-ħaddieħor. Paċi u mħabba bejn il-fqir u l-għani; bejn is-sid u 'l-ħaddiem; bejn min imexxi w s-sudditi; bejn il-Knisja u 'l-poplu u 'l-klassijiet kollha tiegħu.

Din hi l-għajta ta' Dun Karm minn dan il-bronz sieket, xogħol tal-moħħ il-qalb u d-driegħ Maltin ta' l-iskultur il-Professur Ġorġ Borg. Hu monument għal Dun Karm iżda wkoll hu xhieda ta' l-imħabba tat-tfal u żgħażagħ Maltin lejn dan il-poeta Nazzjonali tagħna, il-poeżija tiegħu qiegħda tgħanihom fl-iskejjel tagħna bl-imħabba għal Alla u għajrhom, għal-Lsien Malti u Malta, u għal dak kollu li hu sabiħ, sewwa u tajjeb. Hu xhieda tal-qima li l-Kleru Malti u ħafna oħrajn għandhom lejn Dun Karm. Lil dawn kollha f'isem ta' Christus Rex jien nizzikħajr, speċjalment lil-Eċċellenża tiegħu Mons. Arċisqof, lill-Onorevoli Ministri ta' l-Edukazjoni Dr. Paris, u lil Dr. Depasquale il-bibjotekarju li ħa paċenzja bina sakemm sibna l-post xieraq lil dan il-kapulavur ta' l-arti Maltija. Nizzukħajr lil ħafna oħrajn bħan-Navy li ġibuhulna minn Napli u lill-Istampa li qanqlu l-interess tal-publiku f'din l-opra ta' fejda għal art twelidna.

Malta li kien jaf Dun Karm għaddiet; issa ħarġet mill-fosdqa biex tittajjar ġwenħajha bla xkiel ta' xejn u ta' ħadd. Iżda ruħha għadha li hi u hekk għandha tibqa' kif pinġihielna Dun Karm: ruħ twajba u qaddisa, bieżla u ħabrieka, għaqlija u rzina, ruħ ta' ġens żgħir fil-għadd iżda għani fl-ispirtu; ġens magħqud ħaġa waħda, ruħ waħda u qalb waħda biex iterraq qalbieni lejn il-quċċata li qiegħed quddiemu. U f'din is-siegħa jidwi f' widnejna il-kliem qawwi ta' Dun Karm:

Qum mill-heda li 'l-qalbek mewtitlek,
Ġens ta' ħila, ta' għaqal, ta' ġieħ;
Poplu Malti, ix-xemx telgħet, sejħitlek;
Aqbad triqtek lejn xefaq sabiħ.